# satira

ta' Oreste Calleja    Direzzjoni ta' Albert Marshall



MITP (Valletta)

12 u 13 ta' Novembru

Din is-sena l-karriera ta' Albert Marshall fil-kitba, it-teatru, u t-televiżjoni tagħlaq il-45 sena. Għat-televiżjoni, Albert ipproduċa, idderieġa u kiteb għat-televiżjoni u r-radju lokali kif ukoll għall-ABC TV & Radio (Awstralja), Special Broadcasting Service TV & Radio (Awstralja) u Grundy Productions (TV) (Awstralja). Ix-xogħol ta' Albert fl-oqsma tal-letteratura, it-teatru u l-midja elettroniċi huwa milqugħ u magħżul għall-kwalitajiet għoljin innovattivi u provokattivi tiegħu. Sallum huwa dderieġa 'l fuq minn ħamsin biċċa għat-teatru, inklużi xogħlijiet imtellgħin barra minn Malta. It-teatri barranin ewlenija li Albert idderieġa fihom jinkludu s-Sydney Opera House (l-Awstralja), La Mamma Theatre (Carlton, Melbourne), il-Grant Street Theatre (Victoria College of the Arts, Melbourne) id-Dallas Brooks Hall (Melbourne), l-Altona Theatre (Melbourne) u l-Cackpit Theatre (Londra). Preżentement, Albert qiegħed jgħallem id-Disinn tad-Dawl għat-Teatru fil-kors tal-Istudji Teatrali fl-Università ta' Malta. Jgħallem ukoll fiċ-Ċentru Nazzjonali tad-Drama. Il-produzzjonijiet għat-teatru riċenti ta' Albert jinkludu The Misunderstanding ta' Albert Camus, No Exit ta' Jean Paul Sartre, The Collector ta' Mark Healy, A View from the Bridge ta' Arthur Miller, The Rose Tattoo ta' Tennessee Williams u L-Għanja taċ-Ċinju ta' Joe Friggieri. Albert huwa l-preżentatur tal-programm popolari LENTI li jixxandar fuq TVM.




NOTA TAD-DIRETTUR

Jien inqis lil Oreste Calleja bħala forsi d-drammaturgu l-iktar eċċitanti tat-teatru Malti. Il-fatt li m'għadux jikteb huwa, fl-opinjoni tiegħi, waħda mill-akbar traġedji li messew lit-teatru tagħna. Meta Free Spirit Acting avviċinawni biex nidderiġilhom SATIRA – xogħol klassiku ta' Calleja – għedt iva mill-ewwel. Ilni ma nidderieġi xogħol ta' Oreste min-nofs is-snin 70. Dak iż-żmien kont direttur ma' Television Malta u d-drammi bil-Malti fuq it-televiżjoni kienu rarità kbira. Forsi kien għadu kmieni wisq biex inxandru kitba ta' Oreste Calleja u diretta minni fuq l-istazzjon nazzjonali, speċjalment meta wieħed jiftakar li dak iż-żmien ma kienx hawn stazzjonijiet oħra Maltin li fuqhom stajt taqleb jekk tiddejjaq tara li jixxandar fuq TVM. Iżda l-Kap tal-Programmi, Manni Spiteri, kien bniedem ta' viżjoni u meta mort navżah li

xtaqt nipproduċi d-dramm ANESTESIJA ta' Calleja, flok bagħatni nsaqqi l-kaboċċi, inkoraġġieni mmexxi. U mexxejt. L-għada li xxandret ANESTESIJA fuq TVM f'Malta qamet rewwixta. Imnalla dak iż-żmien ma kienx hawn l-armi fl-idejn...

SATIRA ttellgħet għall-palk mill-inqas ħames darbiet bejn l-1971 u l-1991. Ittellgħet għall-ewwel darba taħt id-direzzjoni ta' Joe Figgieri u jidher li l-aħħar darba li ttellgħet kienet minn Dominic Said. Dejjem inzertajt imsiefer kulmeta ttella' dan ix-xogħol u allura ftit li xejn għandi idea tat-trattament adottat mill-kollegi tiegħi. Hekk aħjar għax se nibda naħdem minn tabula rasa u ninterpreta x-xogħol ta' Calleja skont kif nara d-dinja jien. U għaliex Calleja jsawwat soċjetà mnawra minn sistemi u prassi politiċi li għandhom reżonanzi kontemporanji, naħseb li għandi spazji ġodda biex fihom nesplora rilevanzi u aġġornamenti delizzjużi tax-xogħol klassiku ta' Calleja. Pereżempju, l-elementi ovvji misselfa mit-teatru tal-assurd, fil-qari tiegħi, jieħdu dimensjoni ġdida u jqarrbu aktar lejn it-teatru tal-kefrija; ix-xenografija kif ħolomha l-awtur – speċi ta' uffiċċju ta' Dipartiment tal-Gvern – f'din il-produzzjoni se tkun iddominata minn maskri grotteski kbar imferrxa mal-palk kollu u ma' fejn se tpoġġi l-udjenza. Ix-xeni ta' barra se jseħħu quddiem għajnejn l-udjenza. Xejn mhu moħbi. Anqas x'inhu jiġri fil-kamra tas-sodda tal-iskrivan fejn martu qed titbahrad fis-sodda mal-maħbub tagħha waqt li żewġha qed jimmaġinaha tgħallilu l-għaġin għall-ikla ta' nofsinhar...

Insomma, din il-produzzjoni se tkun orġja ta' spettaklu irreverenti bbażat fuq stili teatrali diversi mfassla biex jaħsdu, jinku, jistrumblaw u, fuq kollox, 'jirrikreaw' lill-udjenza.

Albert Marshall

Oreste Calleja twieled il-Ħamrun u studja fil-Liċeo u l-Kulleġġ tal-Għalliema, San Mikiel (1964-66). Ħalla Malta fl-1974 u studja l-Università ta' Londra, Birkbeck College. Għamel snin twal jgħix l-Istati Uniti tal-Amerika u fl-1990 attenda North Florida University, u Jacksonville University, Florida, fejn kiseb baċċellerat fl-Arti u l-Franċiż.

Calleja kien membru tal-kumitat tal-Moviment Qawmien Letterarju fis-Sittinijiet. Fl-istess żminijiet beda jikteb għar-radju, it-televiżjoni u l-palk. Qabel ma emigra fl-1974, ippubblika Erba' Drammi – Anestesija, Ċens Perpetwu, Iġsma iħirsa u Satira (1972) li għadu jintuża fl-iskejjel sekondarji fil-korsijiet tal-letteratura Maltija. Wara li ġie lura Malta fl-1991 kiteb u ppubblika Għasfur taċ-Ċomb (1993), Il-Belliegħa fil-Bir (1994) u U l-Anġlu Ħabbar... (1995), Pubblikazzjonijiet oħra ta' Oreste Calleja jinkludu Il-Festa bil-Bandieri (2002) u Pawlu Redux (2004), it-tnejn rebbieħa tal-Premju Letterarju Nazzjonali għad-drama għas-snin rispettivi. Huwa kien ukoll membru tal-kumitat tal-Akkademja tal-Malti.



## Atturi

| | |
|---|---|
| l-Iskrivan | *Duncan Azzopardi* |
| L-Astronomu | *Carlos Farrugia* |
| Il-Bidillu | *Anthony Ellul* |
| L-Awtur | *Clive Piscopo* |
| Raġel Qarrieqi | *Julian Galea* |
| Tal-Posta | *Edward Abdilla* |
| Irġiel Jistennew | *Christian Grech* |
| | *Alan Attard* |
| | *Andre Mangion* |
| Tar-Rewwixta | *Lisa Farrugia* |
| | *Maria Farrugia* |
| | *Ryan Galea* |
| | *Joanne Vella* |
| | *Charlot Zammit* |

## Wara l- Palk

| | |
|---|---|
| Bini Tas-Set | *Norman Hill* |
| Stage Manager | *Frankie Ciantar* |
| Assistenti Tal-Palk | *Alvin Cacciatolo* |
| Segretarja Tal-Produzzjoni | *Krystle Abela* |
| Audio | *Andre Xuereb* |
| Dawl | *Christine Ellul* |
| Irtokk | *Mariella Aquilina* |
| Kostumi | *May Vassallo* |
| Disinn Tas-Set | *Ryan Galea* |
| Disinn Tal-Poster | *Ryan Galea* |
| Disinn Tad-Dawl | *Jason Masini* |
| Props | *Stephania Fenech* |
| Ritratti | *Clint Scerri Harkins* |
| | *Ayrton Sims* |
| Pubblicita' | *Frederick Zammit* |
| Hajr | *Ramona Portelli* |
| Produzzjoni | *Freespirit Acting* |
| Kitba | *Oreste Calleja* |
| Direzzjoni | *Albert Marshall* |



Minhabba ragunijiet personali, il-parti tal-"Badalla" li originarjament kienet se tigi interpretata minn James Sultana, issa qed tigi interpretata minn Anthony Ellul



Carlos Farrugia beda fid-dinja tal-ispettaklu bħala mudell iżda kienet l-għażla li jinterpreta l-parti ta' Kristu fi dramm tal-passjoni u f'film qasir li waslitu jikkonsidra s-sbuħija tat –teatru u li jieħu l-arti tar-reċtar bis-serjetà. Għalhekk tħarreġ fl-arti drammatika kemm Malta kif ukoll barra minn pajjiżna, b'uħud mill-isbaħ esperjenzi tiegħu ikunu meta ħadem taħt id-direzzjoni tal-famuż Augusto Boal, il-fundatur tat-Teatru tal-Oppressjoni, u attenda master classes fuq il-mima u t-teatru fiżiku fil-Finlandja taħt id-direzzjoni ta' Adam Darius u Kasimir Kolesnik.

Għalkemm huwa sinonimu mal-parti ta' Kristu fi drammi lokali tal-passjoni kif ukoll f'dokumentarji barranin, Carlos ħadem, fost l-oħrajn, f'The Crucible, The Doctor and the Devils, The Picture of Dorian Gray, Avanti, King Lear, u Much Ado About Nothing għall-palk waqt li x-xogħol għat-televixin jinkludi Ipokriti, Undercover 4, F'Baħar Wieħed, Solitaire, L-Evanġelisti, Għada Jisbaħ Ukoll, It-Tfal jiġu bil-Vapuri u Gizelle, li għalih rebaħ ukoll l-Award għall-aħjar attur f'parti prinċipali.

Carlos ipproduċa u dderieġa numru ta' produzzjonijiet u huwa wkoll il-fundatur ta' freespirit Acting.



Clive Piscopo studja fl-Università ta' Malta fejn fl-2007 gradwa b'MA fl-Ingliż u speċjalizza fil-kitba u t-teorija tal-letteratura moderna u kontemporanja. Jgħallem l-Ingliż u huwa wieħed mill-kittieba tal-programm tat-tfal Iż-Żona għall-istazzjon Nazzjonali. F'dawn l-aħħar snin, ippubblika numru ta' novelli, u kiteb l-iskript ta' teleserial u l-film qasir Il-Bambin tal-Isptar li ħa sehem fl-ewwel film festival internazzjonali tal-films qosra li sar hawn Malta.

Clive ilu għal dawn l-aħħar snin jirreċta, kemm għal palk kif ukoll għat-televixin. Ix-xogħol teatrali tiegħu jinkludi, fost oħrajn: L-Għanja taċ-Ċinju, La Matrona, A View from the Bridge, The Alchemist, Sinbad the Tailor, Macbeth, Pirates of the Mediterranean, u Caravaggio: L-Inkjesta. Għat-televixin, Clive ħadem f' La Famiglia, Dellijiet, It-Tfal jiġu bil-Vapuri, La Farfalla, Erwieħ Imsakkra, u Kristu tal-Kerrejja. L-iktar esperjenza għal qalbu kienet meta rebaħ l-ewwel ESU scholarship fuq William Shakespeare fejn fi Stratford-upon-Avon kellu wkoll l-opportunita' li jiġi mħarreġ minn tutors tar-Royal Shakespeare Company fis-sena 2009 u 2011.



Anthony ilu involut fix-xena teatrali għal aktar minn 25 sena. Wara li spicca l-kors tad-drama fl-MTADA fl-1982 huwa ingħaqad mal-kumpanija teatrali Actors' Studio fejn ha sehem fil-produzzjonijiet ta' Caligula, The Maids, Summit Conference u The Jew of Malta fost oħrajn.

Fost il-partijiet ewlenin li ħadem insemmu Andri f'Andorra, Biff fid-dramm Death of a Salesman, Otello fid dram Otello ta' Shakespeare, Wayne Stone f'The Mind with the Dirty Man, Petruchio f'The Taming of the Shrew u Tom f'Dinner with Friends.

Fl-1998 huwa waqqaf il-kumpanija teatrali TeatruMenz u ħadem il-parti ta' Randall McMurphy f'One Flew Over the Cuckoo's Nest, Mephisto fid-dramm Faust ta' Goethe, Jake La Motta f'Raging Bull, Matt Poncelet f'Dead Man Walking u Caligula fid-dramm Caligula ta' Albert Camus.

Anthony ħadem f'aktar minn 90 produzzjoni teatrali f'partijiet principali u sekondarji. Fuq it-televisjoni hadem f'diversi produzzjonijiet – Gakbu f'Wirt, Tony fi Tlieta kontra Tlieta u Luigi f'Giselle. Fl-2008 huwa rebaħ il-premju bħala l-aħjar attur f'parti principali fil-Malta Television Awards.

Min barra reċtar Anthony idderiega diversi produzzjonijiet teatrali ukoll. Fix-xena tal-films ħadem il-parti ewlenija fil-film lokali Pawlu ta' Tarsu u fil-produzzjonijiet barranin ta' Julius Caesar u Agora.



Duncan Azzopardi beda l-istudji teatrali tiegħu fi Freespirit Acting sebgħa snin ilu. Resaq ukoll għall-ezamijiet ta Trinity Guildhall fejn wasal sa grade 8. Fi Frar 2010 kellu l-opportunita li jieħu sehem f'theatre exchange ġewwa Luxembourg flimkien ma' atturi oħra minn diversi pajjiżi ewropej. Idderiġa wkoll l-aħħar end of term production imtella minn Freespirit Acting.

Hadem f'diversi sensiliet televizivi fostom Santa Monika, Is-Siġill tal-Qrar, Erwieħ Imsakkra, L-Evanġelisti, Gheruq u Dellijiet.

Bħalissa qed narawh fis-sensiela popolari F'Salib it-Toroq. Din hija ir-raba' produzzjoni teatrali li qed jieħu sehem fiha wara Avanti, Tamara u d-Divina Commedia.